# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru 2019**

**Kawza Numru: 20**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 307/2019 JVC**

**Anna sive Joanne Agius, zewgha Robert Agius, Paula Agius Vadala, zewgha Michael Agius Vadala, Gillian Agius u Timothy Agius**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Anna sive Joanna Agius ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi l-esponenti Anna sive Joanna Agius twieldet fit-22 ta' April 1960 u ngħatat l-isem ta' "Anna", liema isem jinsab riprodott fl-Att tat-twelid Numru 2869/1960 (imrnarkat bhala Dok. A);

2. Illi hija żżewġet lir-rikorrenti Robert Agius fid- 9 ta' Jannar 1983 u dana kif jidher mill-Att taż-Żwieġ Numru 45/1983 (immarkat bħala Dok. B); fejn isem ir-rikorrenti ġie indikat bħala "Anna;

3. Illi l-isem ta' "Anna" jinsab riprodott ukoll fuq dokumenti uffiċjali oħra maħruġa mir-Reġistru Pubbliku u dana kif jidher mill-Atti tat-twelid tat-tfal tagħha r-rikorrenti Paula Philippa Agius, Timothy Anthony Agius, u Gillian Agius li jġibu n-Numri 989/2002, 4389/2000 u 252/1998 rispettivament (immarkati bħala Dok.Ċ Dok. D u Dok. E) kif ukoll kif jidher mill-Att taż-Żwieġ tat-tifla tagħha Paula Agius Vadala mar-rikorrenti Michael Agius Vadala, li jġib in-Numru367/2015 (immarkat bħala Dok. F);

4. Illi l-esponenti Anna sive Joanna Agius illum għandha tmienja u ħamsin (58) sena, u sa minn twelidha kienet dejjem magħrufa bi-isem ta' "Joanna" u hija magħrufa bħala Joanna minn dawk illi jafuha u anke mal-familja tagħha stess u minn kull min jafha, kif jidher mill-Karta tal-Identità tagħha (immarkata bħala Dok. Ġ);

5. Illi l-isem "Joanna" jidher ukoll fuq diversi ċertifikati tar-rikorrenti, fosthom, iċ-ċertifikat tal-'School leaving certificate' (immarkat bhala Dok. G), ċertifikati mill-English Speaking Board, (immarkat bħala Dok. GĦ u GĦ1), ċertifikati mill-'The Associated Board of The Royal Schools of Music' (immarkati bħala Dok H-H7), ċertifikati mill-'Pitman Examinations

Institute' (immarkati bħala Dok Ħ u Ħ1), kif ukoll mill-kuntratt tax-xogħol datat it-8 ta' Lulju 2003 (immarkat bħala Dok. I);

6. Illi l-isem "Joanna" jidher ukoll fuq diversi ittri ta' riferenza mibgħuta lir-rikorrenti, fosthom ittra mill-Avukat Ġenerali ta' Victoria, l-Awstralja datati t-30 ta' Settembru 1993 u l-1 ta' Ottubru 1993 (immarkati bħala Dok. IE u IE 1) billi r-rikorrenti kienu residenti l-Awstralja għal diversi snin;

7. Illi l-isem "Joanna" jidher ukoll fuq l-irċevuta maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi relatata mas-Sigurtà Soċjali (immarkata bħala Dok. J);

8. Illi r-rikorrenti ikkontestat l-elezzjoni ġenerali tas-sena 2013 fejn l-isem tagħha fuq id-dokumentazzjoni uffiċjali tal-elezzjoni u saħansitra anke fuq il-ballot paper ġie ippublikat bħala "Anna k/a Joanna" hekk kif jidher mill-avviż maħruġ fuq il-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' April 2013 (immarkat bħala Dok. K), anke jekk kulħadd kien jafha bl-isem "Joanna";

9. Illi kif jirriżulta mid-diversi dokumenti annessi, ir-rikorrenti ilha minn meta kienet tifla żgħira tissejjaħ bl-isem "Joanna" u konsistentement użat l-isem "Joanna" matul ħajjitha;

10. Illi din id-diskrepanza bejn l-isem li bih l-esponenti hija magħrufa u cioè "Joanna" u l-isem li jinsab imniżżel fid-dokumenti tat-twelid u taż-żwieġ u cioè "Anna" qed joħloq diffikultà lill-esponenti, partikolarment minħabba x-xogħol tagħha fil-qasam tas-servizzi finanzjari, billi dan jirrikjedi l-produzzjoni tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tagħha regolarment iżda isimha fuq numru ta' dokumenti ma

jikkombaċjax mal-isem li bih hija magħrufa, kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

11. Illi r-rikorrenti tixtieq għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi hawn fuq u għaliex tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi, tirregola l-pożizzjoni tagħha u teffettwa t-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali jirriflettu l-isem li bih hija magħrufa;

12. Illi l-liġi ttiha din il-fakultà ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Illi tali tibdil għandu jiġi rifless ukoll fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha kif ukoll fiċ-ċertifikati tat-twelid ta' wliedha u fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bintha Paula Agius Vadala;

Għar-raġunijiet suesposti, r-rikorrenti umilment jitolbu sabiex lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tordna li fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti Anna sive Joanna Agius, taħt il-kolonni intestati "Ismijiet mogħtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", jiġi indikat biss l-isem "Joanna" bin-numru 2869/1960 in sostituzzjoni tal-ismijiet hemm indikati;

2. Tordna li fuq l-Att taż-żwieġ tal-esponenti Anna sive Joanna Agius u Robert Agius li jġib in-numru 45/1983 isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi taħt l-intestatura "Isem" l-isem "Anna" jiġi kkanċellat u sostitwit b' "Joanna";

3. Tordna li fuq l-Atti tat-twelid tat-tfal tagħha bin-numri 989/2002, 4389/2000 u 252/1998, taħt il-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza għall-omm, isem l-esponenti Anna sive Joanna Agius jiġi indikat biss bħala "Joanna";

4. Tordna illi, u fuq l-att taż-żwieġ tat-tifla tagħha bin-numru 367/2015, isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kaxxa intestata "Isem u Kunjom il-Missier, u Isem u Kunjom Xbubiet l-Omm", l-isem "Anna" jiġi ikkanċellat u sostitwit bl-isem "Joanna";

5. Tordna, għall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk jogħġobha din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u fiż-żmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jagħmel it-tibdiliet meħtieġa fl-atti tal-istat ċivili msemmi fil-paragrafi preċedenti.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe` illi tul hajjet Anna Agius, hija kienet konsistentement msjeha bhala 'Joanna' u mhux 'Anna';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li l-kaz de quo fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok DRP 1' l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti ;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri'

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 2 ta' Lulju 2019 fejn ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Anna sive Joanna Agius permezz tar-rikors guramentat odjern qed titlob flimkien mar-rikorrenti l-ohra li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 2869/1960, fl-att taz-zwieg taghha mar-rikorrent Robert Agius bin-numru ta' iskrizzjoni 45/1983 kif ukoll fl-atti tat-twelid ta' uliedha wkoll rikorrenti li jgibu n-numri 989/2000, 4389/2000 u 252/1998 sabiex dawn kollha juru isem ir-rikorrenti bhala 'Joanna' u mhux 'Anna'.

Fir-risposta tieghu d-Direttur intimat jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti;

Rat illi fl-atti gew esebiti bosta dokumenti li lkoll jevidenzjaw li sa minn eta' zghira r-rikorrenti kienet maghrufa anki b'mod ufficcjali minn istituzzjonijiet bl-isem ta' 'Joanna' u mhux bl-isem ta' 'Anna'. Dan gie wkoll ikkonfermat mill-bosta xhieda li xehdu permezz tal-procedura tal-affidavit fl-atti li lkoll ikkonfermaw bil-gurament li sa minn dejjem jafu lir-rikorrenti bl-isem ta' 'Joanna'.

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti Anna sive Joanna Agius, taht il-kolonni intestati "Ismijiet

moghtijin" u "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", jigi indikat biss l-isem "Joanna" bin-numru 2869/1960 in sostituzzjoni tal-ismijiet hemm indikati;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fuq l-Att taz-zwieg tal-esponenti Anna sive Joanna Agius u Robert Agius li jgib in-numru 45/1983 isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestatura "Isem" l-isem "Anna" jigi ikkancellat u sostitwit b' "Joanna";

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li fl-Atti tat-twelid tat-tfal taghha bin-numri 989/2000, 4389/2000 u 252/1998, taht il-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-omm, isem l-esponenti Anna sive Joanna Agius jigi indikat biss bhala "Joanna".

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna illi, fuq l-att taz-zwieg tat-tifla tar-rikorrenti bin-numru 367/2015, isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kaxxa intestata "Isem u Kunjom il-Missier, u Isem u Kunjom Xbubiet l-Omm l-isem "Anna" jigi ikkancellat u sostiwit bl-isem "Joanna";

5. Tilqa' l-hames talba u tordna ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera ta' din id-decizjoni sabiex fiz-zmien imsemmi fl-istess artikolu tal-ligi hu jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili kollha msemmija f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2019**